MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru. 1075/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**vs**
**DANIEL FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Daniel Falzon ta' 25 sena, bin Raymond u Mary Grace nee' Cassar, mwieled Pieta' nhar il- 25 ta' Lulju 1986, residenti Ramona Flat 2, Triq Dun Gorg Fenech, Hal-Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 333586M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 14 ta’ Awwissu 2011 ghal habta tat- 8.00pm waqt li kien fir- residenza numru 205 Firenze Hse, sitwata fi Triq Santa Katarina Hal- Qormi;

1) Minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Clint John Spiteri persuna b’ dizabilita minn Pembroke skont ma ccertifika t- tabib Dr. V. Vella Catalano Reg. No 1931 liema ferita gabet sfregju fil- wicc ta’ Clint;

2) U aktar talli fl- istess cirkustanzi hebb kontra Clint biex jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara kemm il- darba l- fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra tal- Kodici Kriminali ta’ Malta;

3) U aktar talli fl- istess cirkustanzi ghamel ingurji jew theddid lil clint mhux imsemmijin f’ band ohra fil- Kodici;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-partijiet ittrattaw fuq il-piena u li rremettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti fuq hekk;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza kienet tittratta argument li qam bejn membri tal-istess familja. Irrisulta li fid-data u l-hin indikati, l-imputat, li jigi kugin ta' Clint John Spiteri, kien ha ghalih ghal xi kummenti li kien ghaddielu kuginuh Clint xi ftit tal-hin qabel. Hekk kif gara li Clint kien qed jidhaq bl-imputat, dan tah daqqa b'idu u kkagunalu ferita zghira izda meqjusa bhala gravi, peress illi kienet qasma fil-gilda taht ghajnu l-leminija.

L-imputat iddispjacih ta' li gara u talab skuza lil Spiteri, u l-Qorti tinsab konvinta li dan l-incident waqaf hemm. Ghalhekk, ma tarax il-htiega li timponi fuq l-imputat piena iebsa, izda garanzija tieghu nnifsu flimkien ma' liberazzjoni kundizzjonata tkun sufficjenti f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 215, 216 (b), 339 (1) (d), (e), 383, 384 u 385 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena favur Clint John Spiteri ai terminu tal- Artikolu 383 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------